MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Awwissu, 2011

Numru. 925/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond Micallef**
**V**

**CARLOS GALEA**

**Seduta ta' llum 18 t'Awissu, 2011.**
**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **CARLOS GALEA** ta' tmienja wghoxrin sena, bin Joseph u Josephine nee Scerri, imwieled Pieta nhar it-tlettax ta' Dicembru 1983 u residenti 29, Triq San Vincenz, Marsa, detentur tal-karta ta' l-identita numru 12084M kien gie mressaq quddiemha nhar il-hamsa (5) ta' Settembru akkuzat:

1. Talli nhar l-erbgha ta' Settembru 2009 f'dawn il-Gzejjer u cioe fl-inhawi tal-pitch ta' Ta Sliema, matul il-jum, ikkommetta serq ta' basket kontenenti kartiera kif wkoll iPhone tal-marka Apple, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u

tletin euro u erbgha w disghin euro centezmu izda li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha w ghoxrin centezmu u sebgha w tletin euro centezmu u li sehh ghad-dannu ta' Luca Vinco De Sesso u/jew ta' persuni ohra.

Rat li fuq ammissjoni tieghu stess, fil-5 ta' Settembru, 2009 l-imputat **CARLOS GALEA** kien instab hati w ikkundannat ghal piena karcerarja ta' hmistax (15)-il xahar sospizi ghal erba' (4) snin. Inoltre kien ukoll tpogga taht ordni ta' supervizjoni ghall-perjodu kollu t'erba' snin.

Rat illi nhar it-30 ta' Gunju 2011, il-Probation Officer Marilyn Attard ipprezentat nota dwar l-andament tal-imputat fejn esponiet is-segwenti:

*"Fil-5 ta' Settembru, 2009 Carlos Galea gie kkundannat piena karcerarja ta' hmistax-il xahar sospizi ghal erba' snin, talli f'Settembru 2009 fl-inhawi tal-picc ta' Tas-Sliema ikkommetta serq ta' basket kontenenti kartiera kif ukoll iPhone tal-marka Apple, liema serq kien ikkwalifikat bil-valur li jeccedi l-€232.94 izda li ma jeccedix l-€2329.37.*

*Fuq ammissjoni ta' Carlos Galea u kif ukoll minn kampjuni ta' urina li thallew gewwa Sedqa kif ukoll gewwa l-Ufficcju tal-Probation jirrizulta li huwa ghandu problema ta' dipendenza ta' droga. Jirrizulta li Carlos Galea ghamel diversi attentati biex ifittex l-ghajnuna biex jiehu trattament ghal kontra d-dipendenza tad-droga izda dawn dejjem sfaxxaw ghal diversi raguni.*

*Fil-fatt:*

*Fit-28 ta' Ottubru, 2010, Carlos Galea kien dahal gewwa l-harm reduction shelter fi hdan il-Caritas u gie sospiza fl-1 ta' Dicembru 2010 minhabbba ksur ta' regoli ta' l-istruttura.*

*Fid-9 ta' Dicembru 2010 Carlos Galea inghata opportunita' ohra billi beda programm residenzjali gewwa l-komunita' ta' San Blas fi hdan il-Caritas ukoll u telaq minn jeddu, kontra kull parir tal-professjonisti, fl-20 ta' Dicembru, 2010.*

*Fis-17 ta' Frar, 2011, huwa dahal Dar l-Impenn (centru ta' dizintossifikazzjoni) u telaq kontra l-parir mediku fil-21 ta' Frar, 2011.*

*Fit-3 ta' Marzu, 2011 Carlos Galea ghal darb'ohra rega' inghata opportunita' sabiex jidhol gewwa l-harm reduction shelter izda huwa harab minn dan il-post fis-27 ta' Marzu, 2011. Wara dan l-episodju huwa qata' l-kuntatt minn mal-Caritas. Konsegwenza ta' dan l-episodju l-Caritas iridu jirrikonsidraw jekk Carlos Galea jistax jerga' jibbenefika mis-servizz taghhom. Din id-decizjoni baqghet pendenti u tittiehed fil-kaz li Galea jerga' jirrikorri ghas-servizzi taghhom.*

*Fil-21 t'April, 2011 Carlos Galea dahal Dar l-Impenn fejn huwa kien dam ghal perjodu ta' madwar tliet gimghat sakemm wasal iz-zmien li seta' johrog, u fil-fatt kien hareg fl-4 ta' Mejju 2011. Matul dan iz-zmien gewwa Dar l-Impenn huwa beda trattament tan-Naltraxone bl-iskop li tghinu jibqa' jzomm 'il boghod mid-droga.*

*Fil-5 ta' Mejju, 2011 Carlos Galea beda jaghmel kuntatt ma' Sedqa mal-Community Worker Antoinette Buttigieg Sciberras. Minn dak iz-zmien Carlos Galea kellu erba' sessjonijiet ma' Antoinette Buttigieg Sciberras gewwa Sedqa u kien hemm xi appuntamenti li gew posposti minn Galea stess. Kien hemm sessjoni ohra li saret gewwa l-Isptar Monte Carmeli meta Antoinette kienet marret izzuru.*

*Matul is-sessjonijiet gewwa s-Sedqa, Carlos Galea pprovda tliet kampjunti tal-urina taht supervizjoni, dawn kienu:*

*Fil-5 ta' Mejju, 2011 fejn irrizulta negattiv ghad-droga llecita u pozittiv ghall-Benzodiazepines, izda dawn jistghu ikunu rizultat tal-medicina psikjatrika li ghandu ordnat mit-tabib.*
*Fit-3 ta' Mejju, 2011, fejn irrizulta posittiv ghall-kokaina u ghal darb'ohra posittiv ghall-Benzodiazepines li dawn ta' l-*

*ahhar jistghu ikunu rizultat tal-medicina psikjatrika li ghandu ordnat mit-tabib.*
*Fis-6 ta’ Gunju 2011, rega’ rrizulta posittiv ghall-kokaina. Dan l-ahhar kampjun tal-urina rrizulta negattiv ghall-Benzodiazepines ghaldaqstant dan jista’ jfisser li Carlos Galea kien qieghed jonqos milli jiehu l-medikazzjoni indikata lilu mill-psikjatra.*

*F’dan il-perjodu ta’ kuntatt ma’ Sedqa, kien gie spjegat lil Carlos illi l-kura tan-Naltraxone li kien qeighed jiehu tista’ tkun sustanza perikoluza jekk wiehed jaghmel uzu mid-droga partikolarment eroina fl-istess hin.  Madankollu Carlos Galea ghamel uzu mid-droga Kokaina u dan skond il-kampjuni tal-urina li ttiehdu gewwa Sedqa u gewwa l-Ufficcju tal-Probation.*

*Fl-10 ta’ Gunju 2011, ittiehed kampjun tal-urina gewwa l-Ufficcju tal-Probation u rrizulta posittiv ghall-kokaina u negattiv ghall-eroina u kannabis.*

*Fil-15 ta’ Gunju 2011, fuq direttiva tal-Ufficjal tal-Probation, Carlos Galea mar ghand it-tabib tal-familja biex sarlu appuntament urgenti gewwa l-Psychiatric Outpatient gewwa l-isptar Mater Dei mal-Psikjarta Dr. Anthony Dimech.  Minn hemm Carlos gie rriferut ghall-Isptar Monte Carmeli gewwa Dual Diagnosis Unit (DDU).  Fit-22 ta’ Gunju, Carlos Galea ha decizjoni li jitlaq mill-isptar Monte Carmeli kontra l-parir mediku.*

*Carlos Galea ddecieda li jixtieq jidhol ghal darb’ ohra gewwa Dar l-Impenn.  Fil-fatt wara li gie nvistat mit-tabib tad-Detox Dr. Anthony Ellul, fil-25 ta’ Gunju 2011 Carlos Galea dahal f’dan ic-centru ta’ dizintossifikazzjoni.*

*Qed jigi nnutat li Galea dejjem isib soluzzjonijiet ghal perjodu qasir izda m’huwiex car jekk l-ghan ewlieni tieghu huwiex dak li eventwalment jieqaf milli jabbuza mid-droga jew inkella li biss juri li f’ghajnejn il-ligi huwa qieghed jaghmel xi forma ta’ attentati biex jaghmel progress.*

*Fil-fatt, meta Carlos Galea telaq mill-isptar Monte Carmeli, kienet giet ikkunsidrata li ssir denunzja izda wara li din*

*giet diskussa gewwa l-Ufficcju tal-Probation, gie deciz illi l-ewwel jigi segwit l-andament tieghu gewwa Dar l-Impenn. Dan qed jigi kkunsidrat minn dan l-Ufficcju bhala l-ahhar pass qabel issir denunzja f'kaz li huwa ma jieqafx jabbuza mid-droga. Fil-fatt din id-decizjoni giet ukoll spjegata lilu b'mod car."*

Rat li fl-4 ta' Lulju, 2011 l-istess Probation Officer Marilyn Attard ipprezentat nota li biha ghamlet denunzja quddiem il-Qorti ai termini tal-Artikolu 28 (G) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn esponiet:

*"Illi bis-sentenza msemmija hawn fuq kienet appuntata Ufficjal Sorveljanti ta' Carlos Galea;*

*Illi b'referenza ghan-nota pprezentata quddiem din l-Onorabbli Qorti datata 30 ta' Gunju 2011, l-andament ta' Galea kien qed ikun wiehed negattiv ghall-ahhar;*

*Illi Carlos Galea naqas milli jsegwi d-direttivi li nghataw lilu mill-Ufficjal tal-Probation rigward ir-riabilitazzjoni mid-droga u dan fost affarijiet ohra billi:*

*Naqas milli jsegwi d-direttivi li nghataw lilu mill-Ufficjal tal-Probation biex isegwi programm residenzjali biex jindirizza l-problema ta' dipendenza fuq id-droga;*

*Telaq mic-centru ta' dizintossifikazzjoni, Dar l-Impenn, anke kontra l-parir mediku u dak professjonali.*

*Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, l-esponenti thossha fid-dmir li tattira l-attenzjoni ta' din ir-rispettabbli Qorti ghal dawn il-fatti, sabiex il-Qorti tiehu dawk il-mizuri li jidhrilha xierqa u opportuni."*

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Lulju, 2011 fejn appuntat il-kawza ghas-smiegh ghad-19 ta' Lulju, 2011.

Rat illi fid-19 ta' Lulju, 2011 xehdet il-**Probation Officer Marilyn Attard** fejn ikkonfermat kemm in-nota taghha tat-30 ta' Gunju, 2011 kif ukoll in-nota ta' denunzja tal-4 ta' Lulju, 2011. Sostniet li Carlos Galea kien gie mwissi li

jekk kien se johrog minn Dar l-Impenn kienet ser issir denunzja fil-konfront tieghu. Ghalkemm tghid li l-imputat zamm kuntatt maghha, pero' zzid li hu xorta baqa' jaghmel uzu mid-droga. Sostniet li l-imputat rega' pprova jidhol l-Oasi, pero' f'dak l-istadju kien ghadu fi stat bikri w kienu ghadhom qed jistennew risposta. Qalet ukoll li hi spjegat lill-imputat li jekk ma jobdix mal-ordnijiet tal-Qorti kien qieghed jirriskja l-habs.

Meta regghet xehdet fis-27 ta' Lulju, 2011 stqarret li l-imputat kien qieghed fit-taqsima tad-DDU tal-Isptar Monte Carmeli w li kien dahal minn rajh. Tghid li fl-istess gimgha huwa kellu appuntament ma' Antoinette Buttigieg Sciberras tas-Sedqa, pero' ma marx u fil-fatt sarlu appuntament iehor. Tghid li kien pjanat li jibqa' Monte Carmeli sal-ahhar t'Awissu w minn hemm jibqa' sejjer l-OASI. Tkompli li fl-istess perjodu kellu wkoll appuntament maghha gewwa l-Ufficcju tal-Probation fejn ittiehditlu sample tal-urina li rrizulta posittiv ghall-kokaina.

Dakinhar il-kawza kienet thalliet ghas-7 ta' Settembru, 2011 .

Pero' fit-8 t'Awissu, 2011 il-Probation Officer Marilyn Attardipprezentat nota ohra dwar l-andament tal-imputat b'referenza ghad-denunzja tal-4 ta' Lulju, 2011 fejn qalet:

*"Fil-5 ta' Settembru 2009 Carlos galea gie kkundannat piena karcerarja ta' hmistax-il xahar sospizi ghal erba' snin, talli f'Settembru 2009 fl-inhawi tal-picc ta' Tas-Sliema kkommetta serq ta' basket kontenenti kartiera kif ukoll iPhone tal-marka Apple, liema serq kien ikkwalifikat bil-valur li jeccedi l-€232.94 izda li ma jeccedix l-€2,329.37.*

*B'referenza ghad-denunzja hawn fuq imsemmija, matul l-ahhar seduta tas-smiegh ta' din id-denunzja, din l-Onorabbli Qorti kienet ordnat lil Carlos Galea biex la darba huwa ha d-decizjoni biex dahal gewwa l-Isptar Monte Carmeli ftit jiem qabel is-smiegh tas-seduta relatata mad-denunzja, minghajr ma kellu pjan imfassal ghalih mill-professjonisti nvoluti, huwa ghandu jibqa' residenti*

*hemm sakemm jasal iz-zmien illi jkun preparat biex ikun jista' jigi trasferit ghall-programm residenzjali gewwa l-OASI. Minkejja dan, Carlos Galea telaq mill-Isptar Monte Carmeli kontra parir tat-tabib nhar il-31 ta' Lulju, 2011. Fl-1 t'Awissu, 2011 huwa rega' talab li jerga' jidhol lura gewwa DDU w fil-fatt huwa rega' gie accettat lura. Biss, nhar il-Gimgha 5 t'Awissu 2011, Carlos rega' ha decizjoni li jitlaq kontra l-parir mediku u dak professjonali. Ghalkemm gie spjegat lilu b'mod car il-konsegwenza ta' possibilita' ta' sentenza ta' habs, huwa xorta ma regax lura mid-decizjoni tieghu. Barra minn hekk Noel Scerri (OASI) u kif ukoll Antoinette Buttigieg Sciberras (Sedqa) infurmaw lill-Ufficjal tal-Probation illi Carlos qieghed jonqos milli jzomm kuntatt regolari maghhom. Il-pjan originali rakkomandat minn Noel Scerri (OASI) kien li jaghmel perjodu residenzjali fl-OASI. Minhabba li Carlos mhux qieghed izomm il-kuntatt kif mistenni, partikolarment mal-OASI, u kif ukoll l-imgieba tieghu qeghda tkun wahda kaotika, l-pjant ta' kura tieghu ma jistax jigi attwat.*

*L-esponenti tixtieq tattira l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, illi kif kien spjegat fin-nota tal-andament prezentata fit-30 ta' Gunju 2011, Carlos Galea kemm-il darba dahal jaghmel uzu minn xi forma ta' istituzzjoni fi hdan agenziji varji izda huwa qatt ma wera impenn serju biex isegwi l-pjanijiet, b'hekk dejjem telaq fi stadju bikri. Ghaldaqstant qieghed jirrizulta illi Carlos Galea ghadu mhux qed jiehu r-riabilitazzjoni tieghu mill-vizzju tad-droga bis-serjeta'. B'hekk jidher li Carlos Galea mhux qed jaghmel uzu mir-rizorli li ghandu disponibbli b'mod sensibbli biex johrog mill-problema. Jirrizulta li l-ghan principali ta' Carlos huwa dak li jaghmel uzu mid-droga. Barra minn hekk Carlos Galea mhux qieghed jaghti mportanza ghall-ordnijiet li nghataw lilu mill-Qorti u ghall-fatt li hemm konsegwenti tad-deizjonijiet li jaghmel. Dwar dan, il-familjari ta' Carlos Galea infurmaw lill-Ufficjal tal-Probation illi Carlos dejjem qeighed ifittex modi differenti kif huwa jakkwista flus minghandhom jew minghand ta' madwarhom biex b'hekk huwa jkun jista' jixtri droga. F'din il-fazi l-familjari tieghu ihossuhom ezawriti w ma jafux kif jistghu jghinu iktar lil Carlos biex johrog mill-vizzju.*

*Ghaldaqstant l-esponenti thossha fid-dmir illi tattira l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti ghal dawn il-fatti sabiex b'hekk tiehu l-mizuri xierqa w opportuni."*

Wara li rat din in-nota, l-Qorti irrikjamat il-kawza ghas-smiegh ghal nhar it-18 t'Awissu, 2011.

Rat dak li gie verbalizzat f'dik l-istess seduta kemm mill-Qorti kif ukoll mill-imputat u cioe:_

"*Dehret il-Probation Officer Marilyn Attard li kkonfermat bil-gurament li minn meta pprezentat ir-rapport taghha fit-8 t'Awissu, 2011 is-sitwazzjoni baqghet l-istess fir-rigward tal-imputat u anzi ddikjarat li hi haditlu urine test fil-11 t'Awissu, 2011 u sabet li kien posittiv ghall-kokajina.*

*Inoltre rrizultalha wkoll minn informazzjoni moghtija lilha mid-Dirigenti tal-Agenzija Sedqa li l-imputat hu kaotiku.*

*L-imputat jiddikjara li hu jaqbel li ghandu problema ta' droga, li hu ndigenti u li qieghed imur jittallab biex jixtri d-droga.*

*Jiddikjara wkoll li jinsab taht kura psikjatrika ta' Dr. Dimech."*

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serja hafna, w f'kazijiet bhal dawn il-Qorti dejjem tat kull opportunita' sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn din il-problema w min wera rieda tajba w affidabilita', w ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga' jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta'.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti hasset li kellha taghti cans lill-imputat sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta' li wara

kollox hu wkoll jaghmel parti minnha, w dan ghaliex emmnet li l-isforz tieghu kien wiehed genwin.

Din il-Qorti tat cans lill-imputat sabiex jirriforma ruhu bl-ghajnuna medika li kellu bzonn, izda dan nonostante ghogbu jaghti bis-sieq l-oppotunitajiet li nghataw lilu. Din il-Qorti spjegat lill-imputat, li deher quddiemha, li kien huwa stess li kien qed jitlobha tibaghtu l-habs bl-agir irresponsabbli w kriminali tieghu.

**Ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li tordna li s-sentenza moghtija minnha nhar il-5 ta' Settembru 2009 tigi reza operattiva minnufih, u b'hekk wara li semghet lill-istess imputat jghid li ghandu problema ta' droga w li mhux qed jobdi l-ordni tal-Qorti tramite l-ordnijiet li qed jinghatawlu mill-Probation Officer, u wara li rat l-Artikolu 28G ( 9) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li s-sentenza fuq imsemmija tigi reza operattiva w b'hekk l-imputat ghandu jaghmel hmistax il-xahar prigunerija effettiva.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------